MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT
JOSEPH A. FILLETTI**

**ONOR. IMHALLEF
GEOFFREY VALENZIA**

**ONOR. IMHALLEF
TONIO MALLIA**

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2010

Appell Civili Numru. 543/1996/1

**Nicholas Jensen sew *proprio* kif ukoll bhala prokuratur specjali tal-assenti Irene Bache; Helen Miles; Agnes Gera de' Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq; Anna Maria Spiteri Debono sew *proprio* kif ukoll bhala prokuratur tal-assenti Caren Preziosi; u Alfred Gera de' Petri bhala eżekutur testamentarju tal-mejjet Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq; u b'digriet tal-24 ta' Mejju, 2007, il-gudizzju mill-persuna ta' Helen Miles ghadda fil-persuna tar-rikorrenti Nicholas Jensen, Irene Bache u Agnes Gera de' Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq**

**minhabba l-mewt tar-rikorrenti Helen Miles matul iż-żmien li kienet qieghda tinstema' l-kawża.**

**v.**

**L-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet**

**Il-Qorti:**

**Preliminari**

Dan hu **appell** interpost mill-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet kif ukoll **appell incidentali** minn Nicholas Jensen**,** Irene Bache, Agnes Gera de' Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq, Anna Maria Spiteri Debono sew *proprio* kif ukoll bhala prokuratur tal-assenti Caren Preziosi, u Alfred Gera de' Petri bhala eżekutur testamentarju tal-mejjet Alfio Testaferrata Bonici Ghaxaq, min decizjoni moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawza fl-ismijiet premessi tas-26 ta' Jannar 2010 li laqghet it-talba tar-rikorrenti u sabet li kien hemm ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja u tal-Artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, izda ma sabitx li kien hemm ksur taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, l-Artikolu 19 tal-Kap. 88 u astjeniet milli taghti ordnijiet dwar id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali tas-26 ta' Settembru 1972 u llikwidat d-danni morali fl-ammont ta' €25,800 (hamsa u ghoxrin elf u tmien mitt ewro. Bl-ispejjez.

Ghal intendiment ahjar ta' dan l-appell, il-Qorti qeghda tirriproduci *in toto* s-sentenza appellata kif jidher hawn taht:
"**Il-Qorti:**

"Rat ir-Rikors imressaq fid-29 ta' Marzu, 1996, li bih u għar-raġunijiet hemm imfissra, r-rikorrenti talbu li l-Qorti (a) ssib li biż-żamma min-naħa tal-intimati taħt titolu ta' pussess u użu tal-fondi f'numru mija u tnax (112), mija u tlettax (113) u mija u erbatax (114) fi Triq it-Tejatru l-Qadim, Valletta, u tal-fondi mija u sittax (116), mija u

sbatax (117) u mija u tmintax (118) fl-istess imsemmija triq, kantuniera ma' l-fond f'numru tmienja u sittin (68), Triq l-Ifran, Valletta, u tal-fondi bin-numri tmienja u sittin "A" (68A), sebgħin (70) u wieħed u sebgħin (71) fi Triq l-Ifran, Valletta, r-rikorrenti qegħdin iġarrbu ksur tal-jeddijiet fundamentali tagħhom kif imħarsin bis-saħħa tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u bl-artikoli 6 u 14 tal-Konvenzjoni (Ewropeja) għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (aktar 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"); (b) issib għalhekk li l-imsemmi teħid u żamma taħt titolu ta' pussess u użu min-naħa tal-intimati ma jiswiex; (ċ) tagħtihom ir-rimedji li jidhrilha xierqa, magħduda d-dikjarazzjoni li dik il-parti tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kap 88 tal-Liġijiet ta' Malta) tikser id-dispożizzjonijiet tal-istess Konvenzjoni, f'dik il-parti tagħha li tippermetti ż-żamma taħt titolu ta' pussess u użu, b'mod partikolari fl-artikolu 19(1) tal-istess Ordinanza; u (d) tillikwida d-danni li r-rikorrenti ġarrbu minħabba t-trattament illegali msemmi. Talbu wkoll l-ispejjeż;

"Rat id-degriet tad-29 ta' Marzu, 1996, li bih ordnat in-notifika lill-intimati u qiegħdet il-kawża għas-smigħ għat-2 ta' April, 1996;

"Rat it-Tweġiba mressqa mill-intimati fid-9 ta' April, 1996, li biha laqgħu għall-azzjoni attriċi billi qalu li t-teħid taħt titolu ta' pussess u użu sar fl-interess pubbliku, u lanqas ma huwa eskluż li 'l quddiem huma setgħu jagħżlu li jiksbuh b'titolu ta' xiri assolut. Minbarra dan, ċaħdu li r-rikorrenti ġarrbu xi diskriminazzjoni, minbarra li d-diskriminazzjoni taħt il-Konvenzjoni trid tintrabat ma' xi ksur ta' jedd ieħor imħares minnha. Laqgħu billi qalu li huma ma jaħtu xejn għal dewmien fil-proċeduri quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, billi kienu r-rikorrenti nfushom li ħadu żmien twil biex imqar jilleġittimaw l-atti quddiem il-Bord;
Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' April, 1996, li bih ordnat li l-kawża tinstema' flimkien mal-kawża kostituzzjonali numru 537/96AJM[1];

[1] Din inqatgħet mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (Sede Kostituzzjonali) fit-18.1.1999 favur ir-rikorrenti, u mibdula f'parti minnha b'sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fit-8.1.2007

"Rat li bejn Novembru tal-1998 u t-18 ta' Jannar, 2007, il-kawża kienet qiegħda titħalla tistenna l-eżitu tal-kawża numru 537/96;

"Rat in-Nota mressqa mill-intimat fit-18 ta' April, 2007, li biha u fid-dawl tad-dokumenti mehmużin magħha, ressaq il-fehma li l-mertu tal-kawża kien ġie eżawrit, liema fehma r-rikorrenti warrbu għal kollox b'risposta motivata mressqa minnhom fil-25 ta' April, 2007[2];

"Rat ix-xhieda mressqa mill-partijiet, magħduda dik bil-meżż tal-affidavit;

"Rat id-degriet tagħha tas-17 ta' Jannar, 2008[3], li bih iddikjarat magħluq l-istadju tal-ġbir tal-provi tal-partijiet u, fuq talba tal-partijiet, tathom żmien biex iressqu s-sottomissjonijiet tagħhom permezz ta' noti;

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mir-rikorrenti fid-9 ta' April, 2008[4];

"Rat in-Nota ta' Sottomissjonijiet imressqa mill-intimati fl-20 ta' Mejju, 2008[5], bi tweġiba għal dik tar-rikorrenti;

"Rat l-atti kollha tal-kawża;

"Rat id-degriet tagħha tat-3 ta' Ġunju, 2008, li bih ħalliet il-kawża għas-sentenza;

"***Ikkunsidrat:***

"Illi din hija azzjoni dwar ksur ta' jedd fundamentali dwar tgawdija ta' possedimenti, smigħ xieraq u mġiba diskriminatorja. Ir-rikorrenti, bħala sidien ta' bini fi Triq it-Tejatru l-Qadim u Triq l-Ifran fil-Belt Valletta, jikkontestaw it-teħid ta' dak il-ġid mill-awtoritajiet taħt titolu ta' pussess u użu, billi jgħidu li għal żmien twil ma sar l-ebda użu mill-imsemmi ġid u billi l-intimati naqsu jew milli jrodduhulhom lura jew li jiksbuh b'titolu ta' xiri, kif sar ma' ħaddieħor. Ir-

[2] Paġ. 59 tal-proċess
[3] Paġ. 976 tal-proċess
[4] Paġġ. 977 – 9 tal-proċess
[5] Paġġ. 1007 – 1017 tal-proċess

rikorrenti jilmintaw ukoll li, wara li l-istess intimati għaddew parti minn dak il-ġid lil terzi għal użu li ma kienx wieħed pubbliku, naqsu li jew jikkumpensawhom kif jixraq jew li jagħżlu li jiksbu l-ġid b'xiri assolut. Għalhekk, huma qegħdin jitolbu wkoll il-kumpens għad-danni li l-intimati ġabulhom bl-għamil tagħhom. Ir-rikorrenti jridu wkoll li, safejn il-liġi tħalli li ġid jittieħed taħt pussess u użu bla ma jingħata lis-sid il-jedd li jersaq lejn tribunal biex jitlob it-teħid ta' dak il-ġid b'xiri assolut jew b'dominju pubbliku, qabel ma jgħaddu għaxar snin minn dak it-teħid, l-Qorti ssib li dik il-liġi tikser il-Konvenzjoni;

"Illi għal din l-azzjoni, l-intimati laqgħu billi saħqu li l-postijiet ittieħdu fl-interess pubbliku, u li, f'kull każ, ma kienx eskluż li 'l quddiem l-istess intimati kienu jagħżlu li jiksbu dawk il-postijiet b'titolu ta' xiri assolut. Bl-imsemmi teħid, ir-rikorrenti ma ġarrbux teħid tal-ġid tagħhom, imma biss imċaħħda minn parti mill-kera li setgħu idaħħlu. Laqgħu wkoll billi ċaħdu li wettqu xi għamil diskriminatorju kontra r-rikorrenti għall-finijiet tal-Konvenzjoni u xlew lill-istess rikorrenti bid-dewmien fil-proċeduri mibdija quddiem il-Bord;

"Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża jirriżulta li r-rikorrenti huma s-sidien ta' għadd ta' stabili li jinsabu fi Triq it-Tejatru l-Qadim, Valletta u fi Triq l-Ifran, Valletta. Dawn l-istabili jiffurmaw il-korp li jagħmel mill-ambjenti ta' madwar it-Tejatru Manoel, u jinsabu f'numru mija u tnax (112), mija u tlettax (113) u mija u erbatax (114) fi Triq it-Tejatru l-Qadim, Valletta, u tal-fondi mija u sittax (116), mija u sbatax (117) u mija u tmintax (118) fl-istess imsemmija triq, kantuniera ma' l-fond f'numru tmienja u sittin (68), Triq l-Ifran, Valletta, u tal-fondi bin-numri tmienja u sittin "A" (68A), sebgħin (70) u wieħed u sebgħin (71) fi Triq l-Ifran, Valletta. Għal xi żmien, l-imsemmija postijiet kienu ħwienet (għajr għall-post numru 71 fi Triq l-Ifran, li kien meżżanin)[6];

"Illi b'dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tal-14 ta' Settembru, 1972, pubblikata fil-Gażżetta tal-Gvern tais-26

[6] Nota ta' Osservazzjonjiet tal-intimati 15.9.1998, f'paġ. 60 tal-proċess

ta' Settembru, 1972[7], tħabbar li l-imsemmija postijiet kienu sejrin jittieħdu b'titolu ta' pussess u użu għal għan pubbliku sakemm hemm bżonn. Għall-ħabta tal-1975, il-Gvern beda jagħmel xi xogħlijiet f'uħud mill-imsemmija postijiet, b'mod li saru jaqdu b'modi differenti l-għanijiet tat-Tejatru Manoel[8], kif għadhom jintużaw sal-lum[9]. Meta saru dawk ix-xogħlijiet, ma kienx għad hemm ftehim mas-sidien u lanqas kienet twettqet il-proċedura għat-teħid, iżjed mid-dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali[10];

"Illi l-Kummissarju intimat bagħat jgħarraf lill-awturi tar-rikorrenti (li kienu s-sidien ta' dawk il-postijiet) b'ittra uffiċjali fl-10 ta' Marzu, 1976[11], bl-imsemmi teħid (imma dan biss fir-rigward ta' post wieħed biss minnhom, jiġifieri dak li jinsab f'numru 71, Triq l-Ifran, Valletta). B'ittra uffiċjali oħra ta' dak inhar ukoll[12], l-istess intimat għarraf lis-sidien li kien qiegħed joffrilhom tnax-il lira Maltin (Lm 12)[13] fis-sena bħala kera għal dak il-post, u dan skont stima li kienetsaret minn perit imqabbad mill-Kummissarju tal-Artijiet[14] . B'ittra uffiċjali tagħhom tal-31 ta' Marzu, 1976, is-sidien ma laqgħux il-kera offrut lilhom u opponew ukoll għall-fatt li dak il-fond kien se' jittieħed biex jagħmel parti mit-Tejatru Manoel[15];

"Illi b'ittra uffiċjali tal-11 ta' Marzu, 1976[16], il-Kummissarju intimat bagħat jgħarraf lill-awturi tar-rikorrenti, bl-imsemmi teħid fir-rigward tal-fondi l-oħrajn ukoll u b'ittra uffiċjali oħra ta' dak inhar ukoll[17], l-istess intimat għarraf lis-sidien li kien qiegħed joffrilhom b'kollox mija u tlieta u tletin lira Maltin (Lm 133)[18] fis-sena bħala kera għal dawk il-postijiet. B'ittra uffiċjali oħra tagħhom tal-31 ta' Marzu, 1976, is-sidien ma laqgħux il-kera offrut lilhom u opponew ukoll għall-fatt li dawk il-fondi kienu se' jittieħdu bħala

[7] Dok "B", f'paġ. 5 tal-proċess
[8] Affidavit ta' Adriano Gouder 24.6.1998, f'paġ. 48 tal-proċess
[9] Dok "NJ01", f'paġġ. 76 – 7 tal-proċess
[10] Nota ta' Sottomissjonijiet tar-rikorrenti 14.8.1998, f'paġ. 53 tal-proċess
[11] Dok "A", f'paġ. 4 tal-proċess
[12] Dok "Ċ", f'paġ. 6 tal-proċess
[13] Li jġibu € 27.95 fi flus tal-lum
[14] Ara Dok "KA3", f'paġ. 287 tal-proċess
[15] Dok "F", f'paġ. 9 tal-proċess
[16] Dok "Ġ", f'paġ. 10 tal-proċess
[17] Dok "I", f'paġ. 12 tal-proċess
[18] Li jġibu € 309.81 fi flus tal-lum

postijiet għal użu kummerċjali u li kienu sejrin isiru ħaġa waħda mat-Tejatru Manoel[19];

"Illi fid-9 ta' April, 1976[20], il-Kummissarju intimat fetaħ żewġ kawżi kontra s-sidien tal-postijiet quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet, biex jitlob lil dak il-Bord jordna lis-sidien jaċċettaw it-teħid tal-postijiet b'titolu ta' pussess u użu, u biex jiffissa l-kumpens xieraq;

"Illi bejn Settembru tal-1975 u Diċembru tal-1981, baqgħu jsiru xogħlijiet oħrajn u titjib fl-imsemmija postijiet, liema nefqiet saru minn flejjes tad-Dipartiment tax-Xogħlijiet[21]. L-istess postijiet għaddew f'idejn il-Kumitat tat-Tmexxija tat-Tejatru Manoel, u llum uħud minnhom jinsabu fil-pussess tal-*Fundazzjoni Patrimonju Malti*, ta' *Miveda Company Limited* u ta' *Patrimonju Publishing Limited*[22]. Kemm hu hekk, il-ftehim bejn il-Kumitat tat-Tmexxija u Miveda Company Limited sar f'Awissu tal-1994[23] filwaqt li dak mal-Fundazzjoni Patrimonju Malti sar f'Settembru tal-1996 b'seħħ minn Ottubru tal-istess sena[24] ;

"Illi din il-kawża nfetħet f'Marzu tal-1996;

"Illi b'Dikjarazzjoni maħruġa mill-President ta' Malta fit-18 ta' Jannar, 2007[25], u mxandra fil-ħarġa tal-Gażżetta tal-Gvern tat-23 ta' Jannar, 2007, tħassret id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tas-26 ta' Settembru, 1972, u tħabbar li l-istess postijiet kienu qegħdin jittieħdu taħt titolu ta' dominju pubbliku għall-finijiet tal-Ordinanza. Fl-imsemmija dikjarazzjoni, tħabbar ukoll li l-Kera tal-Għarfien offerta għall-imsemmija postijiet kienet ta' wieħed u għoxrin elf lira Maltin (Lm 21,000)[26]. Din il-kera nħadmet skont stima ta' perit imqabbda mill-Kummissarju intimat[27];

---

[19] Dok "L", f'paġ. 15 tal-proċess
[20] Rik. Nru. 26/76LAB u Rik Nru. 27/76LAB li t-tnejn tħallew *sine die* f'Ottubru tal-1996
[21] Affidavit ta' Albert v. Mamo 5.11.2007, f'paġġ. 165 – 6 tal-proċess
[22] Xhieda ta' Tony Cassar Darien , Dok "AA1", f'paġġ. 337 sa 344 tal-proċess
[23] Dok "JL3", f'paġġ. 418 sa 420 tal-proċess
[24] Dok "JL4", f'paġ. 462 tal-proċess
[25] Dok "AG1", f'paġġ. 55 – 6 tal-proċess
[26] Li jġibu € 48,916.84 fi flus tal-lum
[27] Affidavit tal-A.I.Ċ. Carmen Sutton 30.7.2007 f'paġġ. 291 – 2 tal-proċess

"Illi l-ewwel ħaġa li din il-Qorti jidhrilha xieraq tirrileva fil-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbutin mal-każ huwa l-fatt li l-kwestjoni f'din il-kawża hija ħolqa minn sensiela ta' proċeduri li r-rikorrenti ressqu quddiem il-Qrati f'għadd ta' kawżi dwar l-istess postijiet. Kemm hu hekk, din l-istess kawża kienet għamlet żmien tistenna l-eżitu ta' kawża oħra ta' natura kostituzzjonali[28], filwaqt li għad hemm ukoll kawżi oħrajn li għadhom qegħdin jinstemgħu fir-rigward taċ-ċirkostanzi fattwali li għadhom kemm issemmew. Għalhekk, ma jistax jonqos li din il-Qorti sejra tqis ukoll l-kwestjonijiet li jinsabu diġa' maqtugħa f'dawk il-proċeduri fid-dawl tas-sentenzi mogħtija (b'mod partikolari fejn dawk is-sentenzi saru ġudikat);

"Illi għalkemm fis-sewwa l-intimati reġġgħu lura d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali dwar it-teħid taħt titolu ta' pussess u użu tal-postijiet mertu tal-każ, ma jistax jingħad li l-mertu ta' din il-kawża ngħalaq – bħalma setgħu f'xi żmien ippretendew l-intimati – u dan kemm għaliex uħud mill-kwestjonijiet imqanqlin fil-bidu tal-kawża għadhom jitolbu li jkunu indirizzati u kif ukoll għaliex fil-fatt ir-rikorrenti għadhom sal-lum ma ngħatawx lura l-pussess tal-imsemmija postijiet. Għall-kuntrarju, bis-saħħa ta' Dikjarazzjoni Presidenzjali magħmula f'Jannar tal-2007, ħareġ li l-istess postijiet ittieħdu mill-Gvern b'titolu ta' dominju pubbliku. Hawn ukoll, il-Qorti qiegħda tagħmilha ċara li din is-sentenza trid toqgħod fuq it-talbiet li saru fir-rikors promotur u ma tistax tqis il-qagħda issa maħluqa b'dawn l-iżviluppi l-ġodda (kif ir-rikorrenti jistednuha tagħmel fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[29]), għalkemm m'hijiex sejra twarrab minn quddiemha l-eżistenza tagħhom;

"Illi, kif ingħad qabel, ir-rikorrenti qegħdin isejsu l-azzjoni tagħhom fuq żewġ binarji: (i) il-ksur ta' l-jedd fundamentali tagħhom dwar it-tgawdija ta' ħwejjiġhom u t-teħid ta' dik it-tgawdija mingħajr kumpens xieraq u bla

---

[28] Kemm hu hekk, kopja tal-atti ta' dik il-kawża – Rik. Kost. 537/96 – jagħmlu parti mill-atti ta'din il-kawża, f'paġġ. 352 sa 975 tal-proċess

[29] Paġ. 979 tal-proċess. Kemm hu hekk, ir-rikorrenti fetħu kawżi sewwasew dwar is-siwi ta' dawn l-iżviluppi quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili [Rik. Nru. 327/07LFS u 392/07RCP] u li dwarhom ingħataw sentenzi fil-mertu (illum appellati u għadhom qegħdin jinstemgħu mill-Qorti tal-Appell, u kif ukoll quddiem din il-Qorti diversament presjeduta [Rik. Nru. 23/07TM] li għadha qiegħda tinstema'

raġunijiet tajbin fil-liġi (ma' din hemm marbut l-ilment ta' ksur ta' jedd fundamentali maħluq bit-trattament diskriminatorju fil-konfront tagħhom); u (ii) il-ksur tal-jedd fundamentali tagħhom għal smigħ xieraq kemm minħabba d-dewmien tal-proċeduri pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar l-Artijiet u kif ukoll minħabba li ma ngħatalhomx aċċess għal qorti biex tiddeċiedi l-kwestjoni tar-raġuni u l-mod tat-teħid ta' dak il-pussess (ma' din hemm marbuta l-kwestjoni li l-liġi nnifisha tmur kontra l-Konvenzjoni);

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ilment dwar it-teħid tal-postijiet taħt titolu ta' pussess u użu**, r-rikorrenti jressqu tliet ilmenti: (a) l-ewwel wieħed huwa li ma kienx minnu li l-postijiet ittieħdu għal skop pubbliku; (b) it-tieni wieħed hu li għal żmien twil wara li ħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali, ma sar l-ebda użu mill-imsemmija postijiet u f'kull każ, il-kera tal-għarfien proposta snin wara t-teħid ta' dak il-pussess kienet baxxa wisq; u (ċ) t-tielet wieħed hu fis-sens li wkoll kieku kien hemm skop pubbliku għat-teħid tal-postijiet, kien fil-każ tal-ġid tagħhom biss li dan ittieħed b'titolu ta' pussess u użu, għaliex f'każijiet oħrajn bħalhom, il-Gvern jew ħa l-pussess b'titolu assolut jew inkella taħt titolu ta' dominju pubbliku. Kif ingħad, b'dawn l-ilmenti r-rikorrenti jgħidu li ġarrbu ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni;

"Illi <u>dwar jekk huwiex minnu li t-teħid tal-postijiet ma kienx għal skop pubbliku,</u> r-rikorrenti jtennu li l-postijiet ittieħdu biex jaqdu u jikkumplementaw attivitajiet kummerċjali. Jirriżulta li l-postijiet kollha jdawru l-binja tat-Tejatru Manoel u llum il-ġurnata jagħmlu parti minnu f'dak li għandu x'jaqsam ma' ambjenti u attivitajiet li jittellgħu fih. Irriżulta wkoll li parti minn dawn il-postijiet jintużaw bħala ristorant jew stabiliment għall-konsum tal-ikel, u jinsabu mmexxija minn terzi li, għall-użu tagħhom, jħallsu kera lill-Kumitat tat-Tmexxija tal-istess tejatru;

"Illi huwa llum aċċettat li t-tifsira ta' "*skop pubbliku*" li wieħed isib fl-artikolu 2 tal-Kapitolu 88 trid tinftiehem fid-dawl ta' osservazzjonijiet magħmulin f'xi sentenzi mogħtija

mill-qrati tagħna fl-aħħar snin. B'dan il-mod, għalhekk, joħroġ li l-kejl tal-għan pubbliku huwa dak tal-interess ġenerali tal-kollettivita' b'kuntrast mal-interess tal-individwi. Dan ifisser, li l-fatt waħdu li ġid jittieħed mingħand persuna waħda biex jingħata lil persuna oħra ma jġibx b'daqshekk in-nuqqas ta' interess pubbliku[30], jekk tassew ikun jirriżulta li dak it-teħid ikun seħħ għal għan pubbliku[31]. Ifisser ukoll li l-fatt waħdu li post jittieħed biex jintuża għal skop kummerċjali ma jġibx b'daqshekk li l-għan maħsub m'huwiex wieħed pubbliku jew li m'huwiex fl-interess pubbliku[32];

"Illi minn qari xieraq tal-atti tal-kawża l-Qorti tasal għall-fehma li fiż-żmien li nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali, l-għan li għalih ittieħed il-bini tar-rikorrenti kien marbut mat-titjib tal-attivita' kulturali marbuta mat-Tejatru li l-istess beni jinsabu madwaru. Dan l-għan jaqa' sewwasew fit-tifsira ta' għan pubbliku kif fuq imfissra;

"Illi, madankollu, filwaqt li wieħed jagħraf ukoll bejn l-implikazzjonijiet tal-kunċett tal-għan pubbliku minn dawk marbuta mal-kunċett ta' interess pubbliku[33], fil-każ tal-lum jirriżulta element partikolari li jista' jkun determinanti għall-eżitu tiegħu. Dan jingħad minħabba l-fatt li l-għoti ta' wħud mill-postijiet tar-rikorrenti b'kirja lil terzi għal użu kummerċjali jista' la jkun sar għal għan pubbliku u lanqas għal interessi pubbliċi, imma biss biex jaqdu interessi privati li jmorru lil hinn mill-ambitu tat-tħaddim tal-Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta;

"Illi huwa fid-dawl ta' din il-qagħda li l-Qorti għandha tistħarreġ l-ilment tar-rikorrenti dwar il-ksur imġarrab minnhom tal-jedd imħares taħt l-ewwel artikolu tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni. Kemm hu hekk, l-eżerċizzju li għandha tagħmel f'dan il-każ huwa dak li tqis jekk kemm-il

---

[30] Kost. **30.5.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Abdilla vs Onor. Segretarju Parlamentari għall-Ambjent u l-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.132**)
[31] P.A. Kost. **25.7.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Borġ et vs Onor. Prim Ministru et*** (mhix pubblikata, imma konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fil-15.10.2008)
[32] Kost. **27.3.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella pro et noe vs Il-Kummissarju tal-Artijiet et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.57**)
[33] Ara, per eżempju, Kost **10.11.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Grech vs Il-Prim Ministru et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.i.139**), App. Ċiv. **30.12.1993** fil-kawża fl-ismijiet ***Vella et vs Is-Segretarju tad-Djar et*** (Kollez. Vol: **LXXVII.ii.390**) u Kost. **6.10.1999** fil-kawża fl-ismijiet ***Mousu' et vs Id-Direttur tal-Lottu Pubbliku et*** (Kollez. Vol: **LXXXIII.i.246**) għat-tifsira bejn « skop » u « interess » pubbliku

darba kienx hemm ksur tal-jedd tagħhom għat-"tgawdija paċifika tal-possedimenti" tagħhom f'każ li l-għamil ma jkunx wieħed ta' **teħid** (fis-sens ta' ċaħda jew, fi kliem il-Konvenzjoni, "privazzjoni") ta' dak il-ġid imma ta' **ndħil** f'dik it-tgawdija. Jekk jirriżulta li kien hemm teħid, allura l-Qorti tkun trid tqis ukoll jekk dak it-teħid kienx maħsub fl-interess pubbliku jew fl-interess ġenerali **u** kif ukoll jekk dan ikunx sar b'ħarsien ta' liġi domestika u tal-prinċipji ġenerali tad-dritt internazzjonali;

"Illi l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni jrid li:

"*Kull persuna naturali jew persuna morali għandha dritt għat-tgawdija paċifika tal-possedimenti tagħha. Ħadd ma għandu jiġi ipprivat mill-possedimenti tiegħu ħlief fl-interess pubbliku u bla ħsara tal-kundizzjonijiet provduti bil-liġi u bil-prinċipji ġenerali tal-liġi internazzjonali.*

"*Iżda d-dispożizzjonijiet ta' qabel ma għandhom bl-ebda mod inaqqsu d-dritt ta' Stat li jwettaq dawk il-liġijiet li jidhrulu xierqa biex jikkontrolla l-użu ta' proprjeta` skont l-interess ġenerali jew biex jiżgura l-ħlas ta' taxxi jew kontribuzzjonijiet oħra jew pieni.*";

"Illi l-imsemmi artikolu jitkellem kemm dwar it-teħid u kif ukoll dwar il-kontroll ta' possediment. Dak l-artikolu, kif ilu jingħad u kif ilu stabilit[34], huwa ġabra ta' tliet (3) regoli msenslin waħda mal-oħra u li għandhom jinftehmu b'qari ma' xulxin. B'mod partikolari, fil-ħarsien tal-jedd imsemmi f'dak l-artikolu irid jintwera li jkun inżamm u tħares bilanċ xieraq bejn l-interessi tal-komunita' u dawk tal-individwu li ġidu jkun intlaqat mill-għamil tal-Istat (f'dan il-każ, l-esproprjazzjoni). Dwar it-tifsir xieraq ta' dan l-artikolu, il-Qrati tagħna diġa'[35] taw il-fehmiet meqjusa tagħhom u ħarġu b'sensiela ta' prinċipji li fuqhom għandhom jintiżnu l-jeddijiet tal-individwu fuq naħa u dawk tal-Istat fuq in-naħa l-oħra. Għalhekk, filwaqt li l-liġijiet li jagħtu s-setgħa lill-Istat li jieħu ġid f'idejh għal għanijiet pubbliċi huma meqjusa bħala meħtieġa f'soċjeta' demokratika, dawn ma

[34] Sa mis-sentenza Q.E.D.B. **23.9.1982** fil-kawża fl-ismijiet ***Sporrong & Lonnroth vs Svezja*** (Applik. Nru. 7151/75) § 61

[35] Ara, per eżempju, Kost. **28.12.2001** fil-kawża fl-ismijiet ***Cachia vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXV.i.615**)

jagħtux jedd assolut jew insindakabbli lill-Istat, għaliex tali jedd għandu jitqies bħala eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-jedd tal-individwu li jgawdi ħwejġu u ġidu bil-kwiet, u għalhekk l-Istat irid juri kif imiss li l-jedd tiegħu wettqu bil-qies u fil-parametri permessi mil-liġi;

"Illi għall-finijiet ta' dan l-artikolu, ikun hemm "teħid ta' possedimenti" biss "*when all the legal rights of the owner are extinguished by operation of law or by the exercise of a legal power to the same effect. .... In the absence of a formal extinction of the owner's rights, the Court has been very cautious about accepting that a* de facto *deprivation of property qualifies as a deprivation for the purposes of Article 1/2*"[36]. B'"*de facto deprivation*" wieħed jifhem dawk il-każijiet fejn "*the authorities interfere substantially with the enjoyment of possesions without formally divesting the owner of his title*"[37]. Għalhekk, b'teħid ta' ġid mingħand is-sid għall-finijiet ta' dan l-artikolu, jidher li wieħed ifisser il-każ fejn il-jeddijiet proprjetarji jinġiebu fix-xejn[38];

"Illi min-naħa l-oħra għal dak li jirrigwarda l-indħil fl-użu tal-ġid min-naħa tal-Istat, jidher li dan l-indħil jista' jieħu s-sura ta' kull għamla ta' kontroll (bla ma jċaħħad lis-sid mit-titolu), sakemm dan isir billi jitħares il-bilanċ bejn il-ħtieġa jew interess pubbliku jew ġenerali u l-jeddijiet tas-sid fuq dak il-ġid;

"Illi filwaqt li huwa d-dmir tal-Istat li juri li t-teħid jew l-indħil seħħ tassew fl-interess pubbliku jew ġenerali[39], hemm qbil li, fejn jidħol dak li jitqies bħala "interess pubbliku", l-Istat igawdi firxa wiesgħa ta' diskrezzjoni[40]. Madankollu, l-mod kif titwettaq dik id-diskrezzjoni jrid jgħaddi mill-għarbiel tal-bilanċ mistenni bejn l-interessi tas-soċjeta' u dawk tal-individwu mġarrab bit-twettiq tagħha, u dan

---

[36] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 527 – 8

[37] *Ibid.* f'paġ. 528

[38] Ara, per eżempju, Kost. **1.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Vincent Curmi noe et vs L-Onor. Prim Ministru et*** (każ li jirreferi għall-jedd tal-lawdemju)

[39] Kost. **24.5.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Raymond Vella et vs Il-Kummissarju tal-Artijiet***

[40] Q.E.D.B. **23.11.2000** fil-kawża fl-ismijiet ***The former King of Greece et vs Greċja*** (Applik. Nru. 25701/94) § 87

kemm jekk l-għamil ikun ta' teħid ta' proprjeta` u kif ukoll jekk ikun "sempliċement" dwar indħil fl-użu tagħha[41];

Illi mill-fatti li joħorġu mill-atti tal-kawża, l-Qorti ssib li t-teħid tal-ġid tar-rikorrenti taħt titolu ta' pussess u użu m'għandux jitqies bħala teħid tal-ġid, għaliex ir-rikorrenti għadhom sal-lum magħrufin bħala s-sidien tal-bini meħud. Għalhekk, l-għamil tal-intimati jikkostitwixxi għamla ta' kontroll fl-użu ta' dak il-ġid, dettat minn ċirkostanzi ta' fatt marbuta mat-twessigħ u t-titjib tal-ħidma marbuta mal-attivitajiet kulturali mtellgħin fit-Tejatru Manoel. Dan ifisser ukoll li t-teħid taħt tali titolu min-natura tiegħu huwa mistenni li jkun għal żmien limitat u safejn il-ħtiġijiet li jkunu wasslu għat-tħaddim ta' dik l-għamla ta' teħid ikunu jiddettaw;

"Illi fir-rikors tagħhom, ir-rikorrenti jgħidu li għal żmien twil wara d-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali, il-postijiet ma ntużawx mill-Gvern mhux biss għall-iskop li suppost kienu ttieħdu kif imsemmi fl-istess Dikjarazzjoni. Mill-provi mressqa fl-atti, joħroġ li sa anqas minn sentejn u nofs wara dik id-Dikjarazzjoni, d-Dipartiment tax-Xogħlijiet kien ħa f'idejh uħud minn dawk l-istabili u kien beda jagħmel xogħol ta' titjib fihom. Meta wieħed iqabbel dak il-perjodu ta' żmien ma' oħrajn li l-Qrati tagħna kellhom jikkunsidraw taħt ilment bħal dan[42], wieħed ikollu jasal għall-fehma li din il-parti tal-ilment tar-rikorrenti m'hijiex mistħoqqa. Minbarra dan, jidher li l-użu li sar mill-postijiet milquta fid-Dikjarazzjoni (għallanqas fl-ewwel żminijiet) kien jaqbel mal-għan maħsub fl-istess Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali u fit-talba dipartimentali li kienet saret lill-Kummissarju intimat biex wasslet għall-ħruġ tal-istess Dikjarazzjoni;

"Illi jidher li fit-tifsira mogħtija lill-kwestjoni taż-żamma tal-bilanċ xieraq bejn l-interess tal-kolettivita' (l-interess pubbliku) u l-jeddijiet tal-persuna li ħwejjiġha jkunu ttieħdu mill-awtorita' pubblika, wieħed irid jara jekk tali persuna

---

[41] K. Reid _A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Rights_ (3rd. Edit, 2007) paġ. 501

[42] Ara, per eżempju, Kost **10.10.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Beżżina Wettinger et vs Kummissarju tal-Artijiet*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.312**) u Kost. **2.12.2003** fil-kawża fl-ismijiet ***Allied Newspapers Ltd vs Avukat Ġenerali et*** (Kollez. Vol: **LXXXVII.i.514**)

kellhiex aċċess għal għodda xierqa li biha setgħet tqassar iż-żmien li fih il-proċess tat-teħid (u l-konsegwenzjali ħlas ta' kumpens xieraq) jinġieb fi tmiemu[43]. Dan jingħad għaliex "*the fair balance will not be upset where the applicant has failed to make proper use of available procedures for remedying the interference complained of, even where these interferences were prima facie incompatible with the fair balance requirement and even where the conduct of the authorities was not beyond reproach*"[44];

"Illi kif sejjer jissemma aktar 'il quddiem, ir-rikorrenti kellhom aċċess għal din l-għodda u li sal-lum ma jidhirx li nqdew biha, biex iż-żmien li ħwejjiġhom ma jibqgħux iżjed taħt titolu ta' pussess u użu jitqassar. Kieku l-qagħda tar-rikorrenti kienet miżmuma minħabba f'hekk biss, kieku din il-Qorti ma kienx ikollha dubju li l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur ta' xi jedd tagħhom taħt l-imsemmi artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma kienx ikun daqstant mistħoqq. Imma l-qagħda tar-rikorrenti dwar l-indħil fil-pussess ta' ħwejjiġhom hija milquta minn fatt partikolari u jiġifieri li huwa probabbli ħafna li l-użu li qiegħed isir minn ħwejjiġhom qiegħed iservi għal interessi li m'humiex "pubbliċi" fis-sens hawn fuq imfisser;

"Illi għalhekk l-istħarriġ tal-ilment tar-rikorrenti jrid isir dwar l-użu attwali li qiegħed isir minn bosta mill-postijiet milquta bid-Dikjarazzjoni. Meta wieħed iqis il-kriterji dottrinali hawn fuq imsemmija fid-dawl tal-fatt li l-biċċa l-kbira mill-imsemmija postijiet tar-rikorrenti llum jinsabu f'idejn terzi persuni (li m'għandhom l-ebda ħjiel ta' pretensjoni li huma awtoritajiet pubbliċi) u li l-attivita' li qegħdin iwettqu fihom hija waħda prinċipalment kummerċjali għal interessi privati, wieħed isibha bi kbira biex jibqa' jgħid li l-pussess u l-użu huwa wieħed fl-interess pubbliku jew għal għan pubbliku. Dan jingħad minbarra l-fatt li tali użu kummerċjali jseħħ ukoll meta ma tkun għaddejja l-ebda attivita' kulturali fit-Tejatru nnifsu;

---

[43] Ara, per eżempju, Q.E.D.B. **23.4.1996** fil-kawża fl-ismijiet ***Phocas vs Franza*** (Applik. Nru. 17869/91) § 60

[44] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak Theory & Practice of the European Convention on Human Rights (4th Edit., 2006), f'paġ. 876

"Illi l-Qorti hija tal-fehma li din il-qagħda twassal biex iġġib fix-xejn il-bilanċ xieraq mistenni fl-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni bejn l-interessi tal-komunita' in ġenerali u dawk tas-sid li ħwejġu jkunu ttieħdu mill-awtorita' pubblika[45]. Dan ukoll għaliex fejn l-indħil tal-awtorita' pubblika fit-tgawdija tal-ġid tal-privat tirrigwarda ġid li l-istess awtorita' pubblika ma tkunx għadha kisbet bħala tagħha, l-interess pubbliku jrid jibqa' jissussisti tul iż-żmien kollu ta' dak l-indħil[46];

"Illi dan qiegħed jingħad ukoll b'żieda mal-kwestjoni tal-kera fqir offert lill-awtur tar-rikorrenti fl-ittra tal-Kummissarju intimat f'Marzu tal-1976. Kif diġa' jirriżulta mill-konsiderazzjonijiet tas-sentenza mogħtija mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża l-oħra li tolqot il-binja magħrufa bħala "Palazzo Bonici" (u li din il-Qorti qiegħda tagħmel tagħha għaliex tqis li dawk il-konsiderazzjonijiet jgħoddu sewwa għall-ġid mertu ta' din il-kawża), għall-bosta snin ir-rikorrenti kienu mġegħlin iġorru piż sproporzjonat bejn l-interessi tal-kollettivita' u l-jeddijiet tagħhom dwar ħwejjiġhom;

"Illi f'dan ir-rigward tajjeb li jingħad li "*compensation terms are material to the assessment of whether the contested measure respects the requisite fair balance and whether or not it imposes a disproportionate burden. In this connection the Court holds that the taking of property without payment of an amount reasonably related to its value will normally constitute a disproportionate interference. However, legitimate objectives of 'public interest may call for less than reimbursement of the full market value'* "[47];

"Illi minn dawn il-konsiderazzjonijiet joħroġ li l-ilment tar-rikorrenti għar-rigward tal-ksur tal-jedd tagħhom għal tgawdija bla xkiel ta' ħwejjiġhom huwa mistħoqq;

---

[45] Ara per eżempju Q.E.D.B. **5.11.2002** fil-kawża fl-ismijiet ***Pincova et vs Ir-Repubblika Ċeka*** (Applik. Nru. 36548/97) §§ 52 – 3

[46] Kost. **8.1.2007** fil-kawża fl-ismijiet ***Gera dePetri Testaferrata Bonici Għaxaq vs L-Avukat Ġenertali et***

[47] van Dijk, van Hoof, van Rijn, Zwaak *op. Cit.*, paġ. 881

"Illi ladarba l-Qorti waslet għall-fehma li r-rikorrenti tassew ġarrbu ksur tal-jedd fundamentali tagħhom taħt l-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, ikun xieraq li tistħarreġ ukoll jekk kemm-il darba jistax jingħad li r-rikorrenti ġarrbu għamil diskriminatorju li ġidhom ittieħed taħt titolu ta' pussess u użu. Din il-mistoqsija trid tintwieġeb fid-dawl tal-fatti kollha li jirriżultaw mill-atti. Ir-rikorrenti jsejsu dan l-ilment tagħhom fuq tqabbil statistiku dwar postijiet jew stabilimenti kummerċjali li kienu jinsabu fil-Belt Ewlenija tagħna u li wkoll intlaqtu (jew ma ntlaqtux) b'teħid taħt titolu ta' pussess u użu[48]. F'dawn il-provi, magħduda magħhom it-traskrizzjoni tax-xhieda mogħtija mill-Kummissarju intimat fl-atti tal-kawża li kienet miexja ma' din[49], ir-rikorrenti jisiltu l-bażi tal-ilment tagħhom li l-awtoritajiet imxew magħhom b'mod diskriminatorju minn kif imxew m'oħrajn fil-qagħda tagħhom. Huma jisħqu l-aktar fuq il-fatt li l-Gvern għażel li jieħu t-tmexxija ta' ġidhom biss taħt titolu ta' pussess u użu, u fuq il-fatt li l-kera tal-għarfien proposta lilhom għall-ġid tagħhom kien baxx wisq meta mqabbel mal-kera li l-Gvern innifsu jdaħħal minn postijiet oħrajn kummerċjali fil-Belt;

"Illi biex ikun mistħarreġ kif imiss ilment ta' ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, ikun tajjeb li wieħed jiftakar (i) li dak l-ilment irid ikun marbut ma' xi jedd ieħor imħares mill-Konvenzjoni, u (ii) li l-kawżali tad-diskriminazzjoni msemmijin f'dak l-artikolu huma biss indikativi u jistgħu jkunu usa' mill-kawżali maħsuba fl-artikolu 45 tal-Kostituzzjoni. Wieħed irid iqis ukoll li (iii) it-trattament differenti mogħti bejn kategorija ta' persuni u oħra trid tkun waħda leġittima u raġonevoli, u għalhekk mhux kull trattament differenti jwassal għal sejbien ta' trattament diskriminatorju bi ksur tal-imsemmi artikolu 14[50]. Madankollu, persuna tista' ssejjes talba taħt dan l-artikolu minkejja li la tista' turi u lanqas biss tippretendi ksur ta' xi jedd "sostantiv" ieħor imħares mill-Konvenzjoni, sakemm tali talba taqa' fl-"ambitu" ta' jedd bħal dak[51];

---

[48] Dok "NJ02", f'paġġ. 80 sa 95 tal-proċess
[49] Dok "NJ04", f'paġġ. 135 sa 157 tal-proċess
[50] Q.E.D.B. **23.7.1968** fil-***Case Relating to Certain Aspects of the Laws on the Use of Languages in Education in Belgium vs Belġju*** (Applik. Nru. 1474/62 et.), § 10, u Q.E.D.B. **8.7.1986** fil-kawża fl-ismijiet ***Lithgow vs Renju Unit*** (Applik. Nru. 9006/80 et.), § 177
[51] Harris, O'Boyle & Warbrick Law of the European Convention on Human Rights (1995), paġġ. 465 – 6

"Illi illum il-ġurnata jidher li huwa stabilit li "*a difference in treatment is discriminatory, for the purposes of Article 14 of the Convention, if it has 'no objective and reasonable justification'. In other words, the notion of discrimination includes in general cases where a person or group is treated, without proper justification, less favourably than another, even though the more favourable treatment is not called for by the Convention. Article 14 does not prohibit distinctions in treatment which are founded on an objective assessment of essentially different factual circumstances and which, being based on the public interest, strike a fair balance between the protection of the interests of the community and respect for the rights and freedoms safeguarded by the Convention. The Contracting States enjoy a certain margin of appreciation in assessing whether and to what extent differences in otherwise similar situations justify a difference in treatment. The scope of the margin of appreciation will vary according to the circumstances, the subject-matter and its background, but the finaldecision as to observance of the Convention's requirements rests with the Court*"[52];

"Illi kif ingħad b'mod meqjus u miġbur mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward: "*biex tara jekk kienx hemm diskriminazzjoni bi ksur ta' dak li jrid l-artikolu 14 tal-Konvenzjoni, il-Qorti trid tara jekk (1) kienx hemm differenza fil-mod kif persuni differenti tħallew igawdu l-jeddijiet imħarsa taħt il-Konvenzjoni, (2) din id-differenza fit-trattament kinitx bejn persuni li s-sitwazzjoni tagħhom kienet tixxiebah, (3) din id-differenza kinitx bil-ħsieb li jintlaħaq għan leġittimu; u (4) kienx hemm proporzjonalita' bejn id-differenza fit-trattament u l-għan li ried jintlaħaq permezz ta' dik id-differenza, jew kienx meħtieġ li jkun hemm dik id-differenza biex jintlaħaq dak il-għan. Huwa importanti, għalhekk, li l-paragun isir bejn persuni li huma placed in analogous situations*"[53];

---

[52] Q.E.D.B. **12.2.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Kafkaris vs Ċipru*** (Applik. Nru. 21906/04) § 161 (każ fejn persuna ikkundannata għal għomorha l-ħabs ma ngħatatx maħfra Presidenzjali bħal uħud oħrajn li kellhom l-istess kundanna u ngħatatilhom maħfra)

[53] P.A. (Kost) GCD **15.2.2006** fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Grech et vs Il-Ministru Responsabbli mill-Familja u s-Solidarjeta' Soċjali et*** (konfermata mill-Qorti Kostituzzjonali fid-**9.2.2007**) li kienet tirrigwarda każ ta' pensjonijiet

"Illi fis-sottomissjonijiet tagħhom[54], ir-rikorrenti jsemmu ħames raġunijiet għaliex huma jqisu li ġarrbu għamil diskriminatorju min-naħa tal-intimati. Fost dawn, huma jsemmu li l-intimati nqdew b'mod mhux xieraq mid-diskrezzjoni mogħtija mil-liġi dwar l-għażla ta' liema titolu kellu jittieħed il-ġid tagħhom. Huma jgħidu li, minbarra dan, ma teżisti l-ebda politika stabilita li tirregola taħt liema titolu jittieħed ġid minn idejn sidu. Fl-aħħarnett, itennu li l-amministrazzjoni pubblika marret lura minn wegħda li kienet saret fil-Parlament fis-sens li qatt aktar ma kien se' jsir teħid taħt titolu ta' pussess u użu jew taħt titolu ta' dominju pubbliku, imma biss b'xiri assolut;

"Illi, min-naħa tagħhom, l-intimati jwarrbu dawn l-argumenti tar-rikorrenti u jtennu li hija l-liġi nnifisha[55] u għal raġunijiet li wieħed jista' jifhimhom li l-Kummissarju intimat jingħata diskrezzjoni dwar l-għażla tat-titolu li taħtu art tista' tkun miksuba, sakemm jintwera li dan ikun sar għal skop pubbliku u huwa fl-interess pubbliku;

"Illi wara li l-Qorti qieset sewwa l-provi mressqa u qabblithom mal-konsiderazzjonijiet li għadhom kemm saru, issib li r-rikorrenti ġarrbu ksur tal-artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan l-aktar minħabba li, filwaqt li ntwera li f'ċirkostanzi li jixxiebhu t-teħid kien ġeneralment taħt titolu ta' xiri assolut jew tal-anqas taħt dominju pubbliku, ma ngħatat l-ebda spjega plawsibbli għaliex fil-każ tal-ġid tar-rikorrenti saret l-għażla ta' teħid b'titolu ta' pussess u użu u, fuq kollox, għaliex iż-żamma taħt dak it-titolu ttawlet għal dak iż-żmien kollu. Kemm hu hekk, kien biss wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali f'Jannar tal-2007 dwar "Palazzo Bonici" li l-Kummissarju intimat reħa dak it-titolu biex bidlu minnufih b'teħid ieħor taħt titolu ta' dominju pubbliku;

"Illi għalhekk, il-Qorti ssib li dan l-ilment tar-rikorrenti huwa mistħoqq ukoll;

---

[54] Paġġ. 988 – 9 tal-proċess
[55] Art. 5 tal-Kap 88

"Illi **għal dak li jirrigwarda l-ilment tar-rikorrenti dwar ksur tal-artikolu 6 tal-Konvenzjoni** jidher li dan jinbena fuq żewġ ċirkostanzi: l-ewwel hija d-dewmien fl-għeluq tal-proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet u t-tieni hija ċ-ċaħda tal-jedd ta' aċċess quddiem qorti indipendenti u imparzjali biex l-ilment tagħhom jingħata widen;

"Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba d-dewmien fil-proċeduri quddiem il-Bord ta' Arbitraġġ dwar Artijiet</u>, inġabet il-prova ta' meta nbdew il-proċeduri. Dan kien f'April tal-1976. Intwera wkoll li ftit li xejn imxew 'il quddiem, u dan kemm minħabba li nqalgħu intoppi proċedurali u kif ukoll għal żmien mhux traskurabbli r-rikorrenti naqsu milli jieħdu ħsieb il-proċedura meħtieġa għal-leġittimazzjoni tal-atti. Fuq kollox, il-kawżi tħallew *sine die* xi għaxar xhur wara li nfetħu l-kawżi kostituzzjonali (din tal-lum fosthom) u ma reġa' sar xejn aktar fihom;

"Illi l-Qorti ssib li r-rikorrenti ma ressqu l-ebda prova f'dan ir-rigward u fis-sewwa qajla irriferew għal dan l-ilment fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[56]. Fid-dawl ta' din il-qagħda, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha tidħol fi stħarriġ u konsiderazzjonijiet dottrinali li ma jwasslux biex isaħħu l-każ tar-rikorrenti. Kien meħtieġ li jitressqu provi xierqa u konvinċenti min-naħa tar-rikorrenti li mhux biss kien hemm dewmien aktar milli huwa xieraq fit-temm tal-proċeduri mibdija, imma li dak id-dewmien kienu jaħtu għalih l-intimati jew min minnhom. Fin-nuqqas ta' dawk il-provi, l-Qorti ma tistax issib l-ilment tar-rikorrenti bħala mistħoqq;

"Illi <u>dwar il-kwestjoni tal-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba nuqqas ta' jedd ta' aċċess għal qorti</u> biex tidderimi l-kwestjoni, r-rikorrenti hawnhekk ukoll ma jidhirx li baqgħu jisħqu dwar l-ilment oriġinali tagħhom. Dak l-ilment kien jgħid li minn dak inhar li nħarġet id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali li tgħid li l-ġid tagħhom kien sejjer jittieħed b'titolu ta' pussess u użu, ma kellhom l-ebda aċċess għal rimedju quddiem qorti

[56] Sar aċċenn ħafif fin-Noti ta' Sottomissjonijiet imressqa fl-atti tal-kawża kostituzzjonali l-oħra (li kopji tagħhom iddaħħlu fl-atti ta' din il-kawża), ara paġġ. 618 u 790 – 5 tal-proċess

imparzjali u indipendenti jekk mhux qabel ma jkunu għaddew għaxar snin mid-data li fiha jkun ittieħed il-pussess min-naħa tal-awtorita' kompetenti. Isemmu l-artikolu 19 tal-Kapitolu 88 f'dan ir-rigward;

"Illi l-Qorti tqis li minħabba li t-teħid ta' art jew ġid immobbiljari ieħor taħt titolu ta' pussess u użu huwa minnu nnifsu teħid għal żmien l jagħlaq u sakemm ikunu għadhom jippersistu l-ħtiġijiet tal-għan pubbliku f'dak it-teħid, ma jistax jingħad li t-terminu msemmi fl-artikolu 19 joħloq ksur tal-jedd tas-sid li jersaq lejn qorti biex tagħti rimedju. Għall-kuntrarju, il-Qorti tqis li dak l-artikolu jagħti ħarsien lis-sid kontra t-teħid "temporanju" li jibqa' sejjer b'mod indefinit. Jidhrilha wkoll li dak l-artikolu jagħti wkoll rimedju effikaċi lis-sid, fis-sens li jista' jitlob li l-Bord jordna li l-art jew tinxtara jew tittieħed b'dominju pubbliku jew tinħeles fi żmien sena mill-għoti tal-ordni tiegħu;

"Illi l-Qorti tqis li ż-żmien ta' għaxar snin li fih ġid jittieħed taħt titolu ta' pussess u użu għal għan pubbliku ma jikkostitwix ksur tal-jedd mogħti lill-Istat li b'liġi jirregola l-kontroll tal-ġid hekk meħud kif maħsub fil-Konvenzjoni, u lanqas jista' jingħad li huwa miżura sproporzjonata bi ħsara tas-sid li ġidu hekk jittieħed;

"Illi fil-każ tal-lum, imbagħad, ir-rikorrenti ma jgħidu xejn għaliex minkejja li l-ġid tagħhom ittieħed taħt titolu ta' pussess u użu, naqsu li jinqdew bil-proċedura msemmija fl-artikolu 19 meta għalqu l-imsemmija għaxar snin (jiġifieri fl-1982) imma dehrilhom li kellhom jistennew erbatax-il sena oħra biex iressqu l-ilment tagħhom f'din il-kawża. Il-Qorti ma jidhrilhiex li l-eżistenza tal-kawżi pendenti quddiem il-Bord tal-Arbitraġġ dwar Artijiet għall-iffissar ta' kera xieraq ta' għarfien kienet ta' xkiel għat-teħid min-naħa tagħhom tal-proċedura maħsuba fl-artikolu 19 tal-Ordinanza. Jiġi għalhekk li l-istess rikorrenti naqsu li jinqdew b'rimedju effettiv li kellhom f'idejhom biex sewwasew il-jedd ċivili tagħhom ikun imħares u definit;

"Illi mnħabba f'hekk, lanqas f'dan ilkaż ma jidher li l-ilment tar-rikorrenti huwa mistħoqq;

“Illi jifdal li l-Qorti tqis **ir-rimedju mistħoqq għall-ksur imġarrab mir-rikorrenti**. Dan qiegħed jingħad għaliex ir-rikorrenti qiegħdin jitolbu li l-Qorti ssib li ż-żamma min-naħa tal-intimati tal-ġid tagħhom b’titolu ta’ pussess u użu hija waħda irrita u nulla u qegħdin jitlobu wkoll il-ħlas ta’ kumpens għad-danni li huma qegħdin iġarrbu b’din iż-żamma. Diġa’ ngħad li, fil-mori tas-smigħ ta’ din il-kawża u ftit tal-jiem wara li ngħatat is-sentenza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża ta’ “Palazzo Bonici” f’Jannar tal-2007, il-Kummissarju intimat iddeċieda li ma jibqax iżomm il-ġid tar-rikorrenti b’titolu ta’ pussess u użu u, minflok, jieħdu b’titolu ta’ dominju pubbliku. Dan ifisser li, sa ċertu punt, l-għan tal-ewwel talba tar-rikorrenti huwa eżawrit għaliex ma għadx fadal x’wieħed jipprovdi dwar id-Dikjarazzjoni presidenzjali li wasslet għal dak it-teħid, liema Dikjarazzjoni tħassret ukoll “*contrario imperio*” bl-istess Dikjarazzjoni li trid li l-istess ġid jittieħed taħt titolu ta’ dominju pubbliku;

“Illi madankollu, ma jistax jingħad li r-rikorrenti ma jistħoqqilhomx li jingħataw rimedju ieħor minbarra t-tħassir tal-imsemmija Dikjarazzjoni. Il-Qorti temmen li dan kien ikun il-każ ukoll kieku dik id-Dikjarazzjoni tħassret u l-ġid ingħadda lura f’idejhom. F’dan il-każ ma ġarax hekk u r-rikorrenti għadhom xorta waħda ma ħadux lura l-kontroll ta’ ħwejjiġhom. Dwar dan, diġa’ nbdew proċeduri oħrajn mir-rikorrenti u din il-Qorti diġa’ ddikjarat li m’hijiex sejra twessa’ l-parametri tar-rikors tal-lum biex tiddelibera dwar dawk l-iżviluppi u viċendi ġudizzjarji;

“Illi lanqas ma huwa l-każ li l-Qorti tordna li l-ġid tar-rikorrenti jingħatalhom lura, għaliex b’hekk tkun qiegħda tindaħal f’mertu li diġa’ qegħdin jistħarrġuh qrati oħrajn fil-kompetenzi diversi tagħhom;

“Illi l-Qorti trid ukoll iżżomm quddiem għajnejha żewġ ċirkostanzi riżultanti mill-atti ta’ din il-kawża: l-ewwel waħda hi li fil-ġid tar-rikorrenti sar infieq ta’ somom kbar ta’ fondi pubbliċi li bihom ittejbet ħafna l-kundizzjoni ta’ dak il-ġid; it-tieni waħda hija li rriżulta li r-rikorrenti kienu naqsu li jieħdu r-rimedji ġudizzjarji xierqa f’waqthom

b'mod li x'aktarx il-kwestjoni ma kenitx twassal għal fejn tinsab illum;

"Illi għalhekk jidher li r-rikorrenti għandhom jingħataw danni morali biex jindirizzaw b'xi mod il-ksur tal-jedd imġarrab minnhom, u dan minkejja li huma għad għandhom il-jedd għall-kumpens xieraq taħt il-Kap 88[57] u wkoll bis-saħħa tal-proċeduri l-oħrajn li huma fetħu kontra l-intimati jekk dawn ikollhom eżitu favorevoli għalihom;

"Illi, meħuda ċ-ċirkostanzi kollha hawnhekk imsemmija, l-Qorti jidhrilha li d-danni morali li l-Kummissarju intimat għandu jħallas lir-rikorrenti għandu jkun fis-somma ta' ħamsa u għoxrin elf u tmien mitt euro (€ 25,800);

"Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi:

"**Tilqa' t-talba tar-rikorrenti** billi ssib li huma ġarrbu ksur tal-artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni u tal-artikolu 14 tal-istess Konvenzjoni, abbinat mal-imsemmi artikolu, u dan minħabba u fl-okkażjoni tat-teħid min-naħa tal-intimati tal-ġid tagħhom fi Triq l-Ifran, Valletta, u Triq it-Tejatru l-Qadim, Valletta, u sakemm dam fis-seħħ dak it-teħid; iżda ma ssibx li huma ġarrbu ksur tal-jedd tagħhom għal smigħ xieraq kif maħsub fl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

"**Tiċħad it-talba tar-rikorrenti** safejn trid li d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 19 tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta' Artijiet għal Skopijiet Pubbliċi (Kapitolu 88 tal-Liġijiet ta' Malta) jitqies li jiksru l-imsemmija Konvenzjoni;

"**Tastjeni** milli tagħti ordnijiet dwar id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Ġenerali tas-26 ta' Settembru, 1972, ladarba l-istess Dikjarazzjoni tħassret b'oħra tat-18 ta' Jannar, 2007;

"**Tillikwida** d-danni morali li għandhom jitħallsu lir-rikorrenti għall-ksur ta' jeddijiet fundamentali minnhom

[57] Ara, Kost. **30.4.2009** fil-kawża fl-ismijiet ***Paola Farruġia et vs Kummissarju tal-Artijiet***

imġarrba fis-somma ta’ ħamsa u għoxrin elf u tmien mitt euro (€ 25,800); u

“**Tikkundanna** lill-intimati, flimkien u solidalment bejniethom, biex iħallsu lir-rikorrenti l-imsemmija somma likwidata bħala danni morali dovuti lilhom, flimkien mal-**ispejjeż tal-kawża**.

Il-konvenuti appellanti hassewhom aggravati bis-sentenza surriferita tal-Qorti tal-ewwel grad moghtija fit-26 ta’ Jannar 2010 u interponew appell minnha b’rikors prezentat fit-12 ta’ Frar 2010.

In succinct, l-aggravji taghhom huma s-segwenti:
1. Illi l-ewwel Qorti ghamlet interpretazzjoni skorretta tal-applikabbilita` tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni Ewropeja;

2. Illi hemm nuqqas ta’ konsistenza bejn id-decizjoni tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta’ Jannar 2007 fl-ismijiet ‘*Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq vs l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet’* (Rikors Kostituzzjonali 537/96) u l-kawza odjerna;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, ir-rimedju moghti mill-ewwel Qorti mhux gust.

Ghalhekk l-appellanti talbu li din l-Qorti joghgobha tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha in kwantu cahdet il-pretensjonijiet tal-atturi fis-sens li huma garrbu ksur tal-jedd taghhom taht l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni, kif ukoll taht l-Artikolu 19 tal-Kap. 88 u fejn astjeniet milli taghti ordnijiet dwar id-Dikjarazzjoni tal-Gvernatur Generali tas-26 ta’ Settembru 1972 u thassarha u tirrevokaha fil-kumplament taghha u minflok tichad it-talbiet kollha tar-rikorrenti bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Risposta tal-atturi appellati**

L-atturi appellati jikkontendu illi l-aggravji migjuba mill-konvenuti appellanti huma nfondati u bla bazi u

ghandhom jigu rigettati ghar-ragunjijiet minnhom premessi fl-istess risposta, bl-ispejjez kollha kontra l-appellanti.

**Appell Incidentali**

L-atturi appellaw incidentalment mis-sentenza appellata billi hassewhom aggravati in kwantu:

1. L-ewwel Qorti ma sabitx li huma garrbu ksur tad-dritt taghhom skont l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni;

2. L-ewwel Qorti cahdet it-talba taghhom safejn trid li d-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 19 tal-Kap. 88 jitqies li jikser l-imsemmija Konvenzjoni;

3. Fl-ahharnett, il-Qorti llimitat il-likwidazzjoni tad-danni biss ghad-danni morali u ma llikwidatx ukoll id-danni materjali u d-danni reali emergenti li l-atturi sofrew bhala rizultat tal-agir vjolattiv tal-konvenuti.

Ghalhekk l-atturi talbu li din l-Qorti joghgobha tichad l-appell tal-konvenuti u minflok tilqa’ l-appell incidentali taghhom bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuti.

**Risposta tal-konvenuti ghall-appell incidentali tal-atturi**

L-aggravji u t-talbiet relattivi tal-atturi appellanti (fl-appell incidentali) gew kollha kkontestati mill-konvenuti fir-risposta taghhom ghall-appell incidentali u talbu li l-appell incidentali tal-atturi jigi michud bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra taghhom.

**Fatti mertu tal-kaz**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri, li issa jinsabu quddiem din il-Qorti, huma korrettement u dettaljatament riportati fis-sentenza appellata li giet riprodotta aktar qabel f’din is-sentenza, u din il-Qorti mhix ser terga’ tirrepetihom[58]. In succinct li gara hu li wara li giet deciza l-

[58] Ara parti li tibda minn “Fatti li johorgu mill-atti tal-kawza….”.

kawza fl-ismijiet '*Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet'* (Rikors Kostituzzjonali 537/96), il-Gvern irrevoka l-ordni ta' pussess u uzu li kien hareg fir-rigward tal-Palazz (id-dar u l-hwienet mertu ta' din l-kawza) u minflok hareg ordni ta' dominju pubbliku fuq l-istess u ddikjara li l-kumpens dovut ghall-Palazz kien ta' Lm21,000 fis-sena. Id-dar (li hija mertu tal-kawza 537/96) hija proprjeta` esklussiva ta' Agnes Gera de Petri, mentri l-hwienet huma mizmuma in komproprjeta` mill-atturi kollha f'din il-kawza fi kwoti differenti wiehed mill-iehor.

**Konsiderazzjonijiet ta' din l-Qorti**

Illi din l-Qorti ser tibda billi tikkonsidra fl-ewwel lok it-tieni aggravju tal-konvenuti fejn qed jghidu li fis-sentenza appellata hemm nuqqas ta' konsistenza bejn id-decizjoni taghha u dik tal-Qorti Kostituzzjonali tat-8 ta' Jannar 2007 fl-ismijiet '*Agnes Gera de Petri Testaferrata Bonici Ghaxaq v. l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Artijiet'* (Rikors Kostituzzjonali 537/96)[59], fis-sens li l-konkluzjonijiet li waslet ghalihom l-ewwel Qorti kienu differenti. Fil-kawza 537/96 il-Qorti sabet biss vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-allegata lezjoni taht l-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni, u ma sabitx vjolazzjoni tal-Artikolu 6 u lanqas illikwidat danni morali. Skont il-konvenuti s-sentenza tal-ewwel Qorti tohloq incertezza u jfisser li l-partijiet ikollhom zewg sentenzi differenti fuq l-istess kumpless ta' bini u fuq l-istess att ta' espropju. Ghalhekk l-ewwel Qorti messha ddikjarat li l-mertu ta' din il-kawza kien ezawrit wara d-decizjoni fil-kawza 537/96.

L-appellati wiegbu li m'huwiex korrett li hemm xi inkonsistenza bejn is-sentenza tal-ewwel Qorti u dik fil-kawza 537/96. Lanqas ma jista' jinghad li gie ezawrit il-mertu fil-kawza odjerna in segwitu ghal dik id-decizjoni. Is-sentenza fil-kawza 537/96 tirreferi ghall-proprjeta` distinta minn dik fil-kawza odjerna u hemm zewg espropji

[59] Dawn iz-zewg kawzi kienu mexjin flimkien.

distinti, wiehed tal-1958 jew tal-1957 u iehor tal-1972.[60] Inoltre ghalkemm l-awtoritajiet irrevokaw l-ordni ta' pussess u uzu, xorta wahda ma gietx rimedjata l-vjolazzjoni tad-dritt fundamentali kommess u l-atturi lanqas ma nghataw rimedju effettiv. Huma jikkonsidraw id-danni morali akkordati mill-ewwel Qorti bhala inadekwati fic-cirkostanzi u sar appell incidentali fejn talbu l-likwidazzjoni tad-danni materjali wkoll.

Fil-fehma ta' din il-Qorti dan l-aggravju ghandu jigi epurat flimkien mal-aggravji l-ohra, cioe` kemm fl-appell tal-konvenuti kif ukoll fl-appell incidentali tal-atturi u dan fir-rigward tal-lezjonijiet taht l-Artikolu 14 u 6 ta' Konvenzjoni u dak dwar id-danni morali akkordati. Tinnota biss, f'dan l-istadju, li l-fatti (rigwardanti l-esporprji, il-partijiet u l-postjiet) m'humiex kompletament identici u ghalhekk mhux eskluz li Qorti tista' legalment tasal ghall-konkluzjonijiet differenti minn Qorti ohra.

**Diskriminazzjoni – Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.**

Illi fl-ewwel aggravju taghhom il-konvenuti appellanti jsostnu li ma jirrizulta bl-ebda mod li l-atturi sfaw vittmi ta' xi diskriminazzjoni tat-tip projbit mill-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni. Il-fatt li l-Awtorita` kompetenti ghandha diskrezzjoni skont il-ligi b'liema mod takkwista proprjeta`, ma jfissirx li dik id-diskrezzjoni tohloq diskriminazzjoni. Inoltre, skont il-konvenuti, l-ewwel Qorti ma abbinatx il-ksur tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ma xi tip ta' diskriminazzjoni msemmija fl-istess artikolu.

F'parti mit-tieni aggravju l-konvenuti appena msemmi, il-konvenuti jilmentaw ukoll li fil-kawza 537/96 il-Qorti Kostituzzjonali kienet sabet biss vjolazzjoni tal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-atturi ghal dikjarazzjoni li kien hemm diskriminazzjoni, ghalhekk is-sejbien ta' lezjoni taht l-Artikolu 14 mill-ewwel Qorti qed tohloq inkonsistenza u incertezza billi jfisser li l-partijiet ikollhom zewg sentenzi

[60] Fir-rigward tal-hwienet mertu ta' din l-kawza.

differenti fuq l-istess kumpless ta’ bini u fuq l-istess esproprju.

L-atturi ma jaqblux ma’ dan u jishqu li l-ewwel Qorti kienet korretta fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni u gustament abbinatu mal-Ewwel Artikolu tal-Ewwel Protokoll. Id-diskriminazzjoni kienet tikkonsisti fit-trattament differenti minghajr raguni valida u huma ma kellhomx ghalfejn jaghmlu prova li d-diskriminazzjoni kienet motivata b’xi raguni partikolari, imma kien sufficjenti li jippruvaw trattament differenti minghajr raguni gusta. Skont l-atturi d-diskriminazzjoni f’dan il-kaz tidher *ictu oculi*.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-atturi garrbu ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni abbinat mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u dan l-aktar minhabba l-fatt li, filwaqt li ntwera li f’cirkostanzi li jixxiebhu t-tehid kien generalment taht titolu ta’ xiri assolut jew tal-anqas taht dominju pubbliku, ma nghatat l-ebda spjega plawsibbli ghaliex fil-kaz tal-gid tal-atturi saret l-ghazla ta’ tehid b’titolu ta’ pussess u uzu u, fuq kollox, ghaliex iz-zamma taht dak it-titolu ttawlet ghal dak iz-zmien kollu.

Illi f’dan il-kaz ma sar ebda appell mis-sejbien tal-lezjoni taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. L-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa biss dwar is-sejbien ta’ lezjoni fir-rigward tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni dwar diskriminazzjoni.

Illi fil-**Belgian Linguistic Case** (1967) 1 EHRR 252So, gie deciz li:
“Article 14 must be pleaded in relation to some other substantive right in the Convention. It is not necessary to establish an actual violation of another Article; if the claim comes within the ambit of another protected right then it is possible for the applicant to succeed on discrimination alone, even if the primary violation has not been established, or the Member State’s action has been found to come within one of the permissible exceptions to that right.”

Kif tispjega **Karen Reid** fit-tielet edizzjoni tal-ktieb **A Practitioner's Guide to the European Convention on Human Right[61],** biex att ikun diskriminatorju:
"An applicant must establish that he is subject to a difference in treatment from others in a comparable position in the enjoyment of one of the rights guaranteed under the Convention, which difference cannot be objectively and reasonably justified, having regard to the applicable margin of appreciation".

Tghid ukoll li:

"The existence of the justification has to be assessed in relation to the aims and effects of the measure under consideration, regard being had to the principles prevailing in democratic societies. It must pursue a legitimate aim and there must be a relationship of proportionality between the means employed and the aim sought to be realized. Whether there is objective and reasonable justification will depend on the circumstances of each situation".

Illi fil-kaz in ezami l-ewwel Qorti korrettament abbinat id-diskriminazzjoni mal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll, li dwaru sabet lezjoni.

Hu wkoll risaput li l-"*grounds of discrimination*" (sess, razza, kulur etc.) imsemmija f'dan l-artikolu m'humiex "*exhaustive*" izda huma ezemplikattivi.

Il-konvenuti pero` qed jinsistu wkoll li, apparti li ma kien hemm ebda diskriminazzjoni f'dan il-kaz, anke kieku, la darba l-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza 537/96 iddecidiet li kien hemm lezjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll u kull ezami dwar l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni kienet biss kwistjoni akkademika, allura l-ewwel Qorti messha astjeniet ukoll.

Kif tikteb Karen Reid:

---

[61] Sweet & Maxwell (London) 2007. page 272.

"Where a violation is found of the substantive article, it is often the case that the Court will find no separate issue to arise under Art.14. It is a practice which may not be based on unavoidable logic but may rather give proof of a certain judicial economy"[62].

Izda f'kazijiet fejn il-Qorti ssib li kien hemm vjolazzjoni ta' dritt sostantiv tal-Konvenzjoni, hu teoretikament possibili li tinsab ukoll lezjoni taht l-Artikolu 14 ghalkemm fil-bicca l-kbira tal-kazijiet, il-Qorti tieqaf hemm u ma tidholx fil-kwistjoni jekk kienx hemm ukoll lezjoni tad-dritt dwar id-diskriminazzjoni. Kif deciz fil-kaz **Dudgeon v. United Kingdom (**1981) 4 EHRR 149 para. 67:

"Where a substantive Article of the Convention has been invoked both on its own and together with Article 14 (art. 14) and a separate breach has been found of the substantive Article, it is not generally necessary for the Court also to examine the case under Article 14, though the position is otherwise if a clear inequality of treatment in the enjoyment of the right in question <u>is a fundamental aspect of the case."</u> (ara Airey judgment of 9 October 1979, Series A no. 32 p. 16, par. 30).

Ghalhekk skont Karen Reid, "to succeed in establishing violations of a substantive provision and a discrimination violation would require showing that <u>separate arguments and considerations of some significance arose</u>[63].

F'dan il-kaz l-atturi fin-noti ta' sottomissjonijiet taghhom[64] isostnu li t-tehid taht titolu ta' dominju pubbliku jsofri mill-istess problemi li kien isofri taht titolu ta' pussess u uzu[65] <u>u</u>

[62] Fol. 275/276.
[63] Fol.276.
[64] Fol. 979 u 988.
[65] Illi meta giet prezentata l-kawza fin-1996 l-ilment dwar diskriminazzjoni kien minhabba t-tehid b'titolu ta' pussess u uzu, imma meta imbaghad giet deciza il-kawza 537/96 l-ilment sar ukoll fil-konfront tat-titolu l-iehor ta' dominju pubbliku. Il-konvenuti spjegaw ir-raguni ghaliex sar dan u li ghalhekk ma ddiskriminawx u dan billi t-tehid sar b'dak il-mod ghax il-post kien diga` ghand il-Gvern b'titolu iehor cioe` b'pussess u uzu.

dan ghaliex il-kumpens offrut ma huwa bl-ebda mod immaginabbili adegwa u komparabbili mal-valur tal-proprjeta` fis-suq u huwa ferm aghar ghaliex jipprospetta issa t-tehid tal-proprjeta` ghal dejjem. Huma jsostnu li dan hu diskriminatorju ghaliex iwassal ghall-ghoti ta' kumpens ferm inferjuri minn dak moghti lil haddiehor li ttehditlu proprjeta` b'xiri assolut. Fi kliem iehor, dan ifisser li fondamentalment l-ilment tar-rikorrenti gej mill-fatt li l-Gvern hadilhom proprjeta` (kemm jekk taht titolu ta' pussess u uzu u kemm jekk f'dominju pubbliku) minghajr ma gew adekwatament kumpensati.

L-ewwel Qorti, bhall-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza 537/96, waslet ghall-konkluzjoni li, aktar milli minhabba l-iskop li ghalih il-palazz qed jintuza issa, hemm vjolazzjoni tal-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll minhabba li l-atturi (u qabilhom l-awturi taghhom) qed jigu mitluba jgorru *"a disproportionate burden"*.

L-ewwel Qorti ddecidiet li l-atturi minhabba f'hekk kellhom dritt ghal rimedju u kellhom jigu kompensati kemm moralment kif ukoll materjalment, ghalkemm fl-ahhar kaz, ghazlet li thalli l-kwistjoni f'idejn il-Qorti li giet adita fuq hekk.

Ghalhekk fil-fehma ta' din il-Qorti, is-sejbien ta' ksur ta' dritt fondamentali tal-atturi taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll kienet tindirizza l-ilment principali tal-atturi. Dan kien l-aspett fondamentali tal-kaz tal-atturi u mhux it-trattament differenti minn haddiehor. Din il-Qorti tara li ma kien hemm ebda konsiderazzjoni separata u ta' importanza li twassal wkoll ghall-ksur tal-Artikolu 14 tal-Konvenzjoni.

Il-Qorti hawnhekk taghmel ukoll riferenza ghal dak li qalet l-ewwel Qorti fil-kawza 537/96 meta ddecidiet li tastjeni milli tidhol fil-kwistjoni tad-diskriminazzjoni. Hi qalet hekk:
"Fit-tieni lok la r-rikorrenti u lanqas l-awturi taghha qatt ma uzufruwew mid-dritt kompetenti lilhom in forza tal-Artikolu 19(1) tal-Kap 88 billi, wara li skadenza tal-ghaxar snin hemm kontemplati qatt ma pprezentaw talba lill-Bord sabiex l-art tittiehed b'xiri assolut".

Ghalhekk jekk l-atturi kellhom rimedju biex jindirizzaw l-allegata diskriminazzjoni u fil-fatt ma indirizzawhiex ma jistghux jilmentaw li gie lez id-dritt fundamentali taghhom taht l-Artikolu 14. Kif tosserva Karen Reid, din il-kwistjoni hi rilevanti, "where there are procedural safeguards provided domestically to avoid discriminatory effects of a measure and for guaranteeing adequate and appropriate judicial supervision of restrictions"[66].

Ghalhekk dan l-aggravju tal-konvenuti appellanti qed jigi milqugh.

**It-tielet aggravju** tal-konvenuti se jigi ttrattat flimkien mat-tielet aggravju mressaq mill-atturi fl-appell incidentali taghhom billi dan jolqot l-istess ilment dwar ir-rimedju akkordat mill-ewwel Qorti. Il-konvenuti qed jissottomettu li s-sejbien tal-lezjoni taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll ghandu jservi bhala *just satisfaction* mentri l-atturi min-naha taghhom m'humiex sodisfatti bid-danni morali biss li akkordat l-ewwel Qorti imma talbu li jigu likwidati u akkordati danni materjali wkoll.

L-ewwel Qorti ddecidiet li sa certu punt, l-ghan tal-ewwel talba tal-atturi[67] kien ezawrit ghaliex ma ghadx fadal x'wiehed jipprovdi dwar id-Dikjarazzjoni Presidenzjali li wasslet ghat-tehid taht titolu ta' pussess u uzu, u li gie mhassar "*contrario imperio*". Bl-istess dikjarazzjoni, il-proprjeta` issa ttiehdet taht titolu ta' dominju pubbliku. Madankollu, il-Qorti ddecidiet li l-atturi kien jisthoqqilhom li jinghataw rimedju apparti t-thassir bl-imsemmija Dikjarazzjoni billi l-atturi ghadhom xorta wahda ma hadux lura l-kontroll ta' hwejjighom u dwar dan, huma bdew proceduri ohrajn. Ghalhekk l-ewwel Qorti akkordat danni morali biex jindirizzaw b'xi mod il-ksur tal-jedd imgarrab minnhom, u dan, minkejja li l-atturi ghad ghandhom dritt ghall-kumpens xieraq taht il-Kap. 88.

---

[66] Fol 274/275.
[67] Li bil-kontinwata detenzjoni tal-fondi fuq imsemmija taht titolu ta' pussess u uzu qeghdin jigu lezi d-drittijiet fondamentali tar-rikorrenti …

Il-konvenuti jikkontendu li d-dikjarazzjoni dwar il-lezjoni taht l-Ewwel Protokoll tal-Konvenzjoni kellha tikkostitwixxi *just satisfaction* fiha nfisha u r-rimedju kien wiehed gust in vista tal-fatt li l-ammont offert ghall-pussess u uzu kien ta' fond gia` mikri u ma kienx bil-pussess vakanti; li l-intervent tal-Gvern kien wiehed ghal skop socjali u li l-fond kien gie riabilitat mill-Gvern a spejjez ingenti tieghu. Inoltre hemm proceduri pendenti quddiem il-Bord fejn qed jigi attakkat l-ammont ta' kumpens offrut. Il-konvenuti jissottomettu inoltre li mhux cert fis-sentenza tal-ewwel Qorti jekk id-danni gewx moghtija biex jaghmlu tajjeb ghall-uzu li kien qed isir qabel jew semplicement kumpens morali minhabba lezjoni. Inoltre fil-kawza 537/96 dik il-Qorti ma akkordat ebda kumpens minkejja s-sejbien ta' lezjoni, mentri l-ewwel Qorti tat danni morali. (ara it-tieni aggravju).

L-atturi jsostnu li meta wiehed jara z-zmien twil (1972 sa 2007) ghal-liema damet din l-kwistjoni wiehed isib li danni morali m'humiex rimedju bizzejjed ghal privazzjoni tal-uzu tal-istess fondi. Huma jikkontendu li ghandhom jinghataw kumpens materjali wkoll ghaz-zmien kollu kemm damu pprivati mill-uzu tal-proprjeta` taghhom. Ix-xoghol li ghamel il-Gvern f'dawn il-fondi kien minimu u ghalhekk dan ma jistax jittiehed bhala argument biex jitnaqqas il-kumpens. Inoltre l-atturi jsostnu li kwalsiasi spiza li saret mill-Gvern fil-proprjeta` giet gawduta minnu stess u li bl-ebda mod ma bbenefikat lilhom. L-atturi jkomplu li l-*war damage* inghata fuq hanut wiehed biss u dan thallas lill-inkwilin mhux lis-sid, mentri fil-kaz tal-hwienet l-ohrajn, billi l-Gvern ha l-postijiet b'pussess u uzu, il-*claim* li kienet saret mill-awturi tal-atturi, twaqqfet.

Illi mill-qari ta' sentenza tal-ewwel Qorti jirrizulta li hija espressament qalet li kienet qed tirrizerva l-kwistjoni tad-danni materjali, kif sar fil-kawza 537/96 deciza fit-2007 u kienet ser takkorda biss danni morali minhabba l-lezjoni li sabet taht l-Artikolu 1 tal-Ewwel Protokoll. L-atturi jippretendu li l-ewwel Qorti messha llikwidat ukoll d-danni materjali ghall-perjodu 1972 - 2007 izda din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma jidhrilhiex li ghandha twessa' l-parametri ta' din il-kawza u ghandha thalli l-kwistjoni tigi deciza fil-

proceduri l-ohrajn li gia` gew introdotti mill-atturi. Lanqas ma taqbel din il-Qorti li *just satisfaction* hu rimedju adekwat fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz meta nstabet lezjoni tad-dritt ta' proprjeta` ghal zmien prolungat. Din l-Qorti sejra ghalhekk tikkonferma l-likwidazzjoni tad-danni morali maghmula mill-ewwel Qorti li, wara kollox, ghal dak li jirrigwarda l-kwantum *per se*, ma giex kontestat. Il-lamenteli l-ohra mqajma mill-konvenuti ghandhom jigu epurati fil-proceduri l-ohra mressqa mill-atturi quddiem l-organi kompetenti.

Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi respint.

**Appell Incidentali**

**Lezjoni tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni.**

Fuq dan l-aggravju sollevat mill-atturi fl-appell incidentali taghhom ma hemm xejn li ma giex sottomess quddiem l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti jidher li gharblet sew il-punti kollha li tressqu ghall-konsiderazzjoni taghha u d-diversi osservazzjonijiet li hija ghamlet in propozitu huma pjenament kondivizi minn din il-Qorti. Din il-Qorti se taghmel biss accenn ghal lanjanza tal-atturi f'dan ir-rigward.

L-atturi sostnew li mhux veru li kellhom rimedju xieraq anzi r-rimedju li toffrilhom il-ligi kien kwazi aghar minn dak li huma kienu gia` gew assoggettati ghalih. Jargumentaw li jekk il-Qorti sabet li l-pussess u uzu ma kienx konfacjenti ma' uzu pubbliku aktar u aktar issa li dan it-titolu gie konvertit f'dominju pubbliku. Gie ripetut l-argument li huwa n-nuqqas ta' procedura effettiva flimkien ma' tul esagerat tal-proceduri li kellhom iwasslu lill-ewwel Qorti li kien hemm ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 19(1) tal-Kap. 88.

F'dan l-aggravju l-atturi jilmentaw dwar id-dewmien fl-gheluq tal-proceduri quddiem il-Bord ta' Arbitragg dwar Artijiet u fit-tieni lok dwar in-nuqqas ta' access quddiem qorti indipendenti u imparzjali.

Dwar l-ewwel ilment l-ewwel Qorti sabet li l-atturi ma kienux ressqu provi bizzejjed min-naha taghhom biex jikkonvincuha li mhux biss kien hemm dewmien esagerat fil-proceduri quddiem il-Bord, imma li dak id-dewmien kienu jahtu ghalih l-intimati. L-ewwel Qorti rrimarkat li dwar dan l-ilment l-atturi kwazi ma semmew xejn fis-sottomissjonijiet taghhom. Quddiem din il-Qorti l-atturi ma ressqu l-ebda argument gdid jew provi li jista' jwassalha biex tiddipartixxi mill-konkluzjonijiet tal-ewwel Qorti.

Fil-proceduri kontestati kien hemm dewmien li l-konvenuti ma kienux responsabbli ghalih bhal per ezempju z-zmien kollu li ghadda biex saret il- legittimazzjoni tal-atti u perjodu iehor twil ta' zmien li l-kawza thalliet *sine die* sakemm gew decizi l-kawzi kostituzzjonali li l-atturi kienu pprezentaw.

Dwar it-tieni ilment din l-Qorti diga` accennat *supra* li l-atturi kellhom rimedju li huma ma ghamlux uzu minnu. L-ewwel Qorti qieset li z-zmien ta' ghaxar snin taht l-Artikolu 19 tal-Kap. 88 li fih proprjeta` ittiehdet taht titolu ta' pussess u uzu ma jikkostitwix ksur tal-jedd moghti lill-Istat li b'ligi jirregola l-kontroll tal-proprjeta` kif mahsub fil-Konvenzjoni. Lanqas ma kkunsidrat li hija mizura sproporzjonata bi hsara tas-sid jekk il-proprjeta` tittiehed b'dak il-mod. It-tehid ta' proprjeta` taht titolu ta' pussess u uzu huwa tehid ghal zmien li jaghlaq u l-artikolu jaghti harsien lis-sid kontra tehid temporanju li jibqa' sejjer b'mod indefinit billi jista' jitlob lill-Bord li l-proprjeta` jew tinxtara jew tittiehed b'dominju pubbliku jew tinheles fi zmien sena mill-ghoti tal-ordni tieghu. Illi jirrizulta mill-provi prodotti li meta ghalqu l-ghaxar snin previsti mil-ligi, f'dan il-kaz fl-1982, l-atturi damu erbatax-il sena biex ipprezentaw din il-kawza fejn ressqu l-ilment taghhom u ma kien hemm xejn xi jzommhom milli jipprocedu skont kif mahsub fl-Artikolu 19 tal-Kap. 88.

Ghalhekk dan l-aggravju qed jigi michud.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ l-ewwel aggravju tal-konvenuti appellanti u f’dan is-sens biss tirriforma s-sentenza appellata, u tikkonfermaha mill-bqija prevja c-cahda tal-appell incidentali tal-atturi appellanti. L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi mill-ewwel Qorti mentri l-ispejjez ta’ dan l-appell ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------